# PRESS RELEASE 34/2019

**4 ta' Diċembru 2019**

## L-espressjoni demokratika u l-ispazju pubbliku

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

Id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona dwar l-Ispazji Pubbliċi għall-Abitat III (2016 – Ġnus Magħquda), li tagħha Malta hi firmatarja, tisħaq dwar id-dritt tan-nies li "*jagħmlu tagħhom l-ibliet*" li jimplika l-bżonn ta' "*rispett u protezzjoni ta' numru ta' drittijiet u libertajiet, bħalma huma d-dritt ta' l-espressjoni u d-dritt tal-ġabra, id-dritt għall-informazzjoni, l-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni fil-proċessi ta' deċiżjonijiet.*"

Il-politika u l-ispazji pubbliċi għandhom relazzjoni intima – it-tnejn huma kkonċernati bil-ħajja pubblika, bir-relazzjonijiet li għandna mal-oħrajn, il-mod kif ngħixu u ninteraġixxu ma' xulxin. L-ispazji pubbliċi huma l-palk tal-ħajja pubblika; huma l-postijiet fejn niġu flimkien biex niċċelebraw, nipprotestaw, niltaqgħu, nagħmlu l-kummerċ, u fejn insibu l-ispirazzjoni u t-trankwillita'. Irridu naċċertaw li l-ispazji pubbliċi jagħtu sostenn lill-kwalita' tal-ħajja tagħna u lill-kultura, u li jesprimu dak li s-soċjeta' tikkunsidra bħala importanti.

Filwaqt li l-Kamra tal-Periti tapprezza l-bżonn li jiġu żgurati s-saħħa u s-sigurta' taċ-ċittadini kollha, hija mħassba dwar il-mod sproporzjonat li bih qed tiġi okkupata Pjazza Ħelsien tant li qed jiġi mxekkel għal kollox l-użu ta' dan l-ispazju pubbliku.

Fid-disinn tal-Bini tal-Parlament u ta' l-ispazju urban madwaru, Renzo Piano ried jesponi t-trasparenza tal-proċessi demokratiċi. Ir-ringieli fuq ringieli ta' barrieri li qed jiġu mqiegħda madwar dan il-bini qegħdin jenfasiżżaw il-firda bejn dawk eletti u l-elettorat; firda li d-disinn arkitettoniku u urban kellhom l-għan li jeradikaw.

Il-protesti li qegħdin isiru f'Misraħ il-Ħelsien huma espressjoni tas-sentiment pubbliku u m'għandhomx jiġu ristretti b'mod indebitu.

"Bit-tnawwir tal-ispazju pubbliku , tbati l-kultura ċivika, kif ukoll id-demokrazija" – Richard Rogers